# Dr. Alfred Fabri M.D.

## ...jew in-nannu li qatt ma kont naf....u li sirt nafu mod ieħor.

It-tabib Dr. Alfred Fabri (missier missieri) qatt ma kelli x-xorti insir nafu. Sirt nafu inderettament milli kien jirrakonta missieri u minn dawk kollha li kienu jiftakruh: li apparti milli kien tabib tajjeb u popolari, kellu fuq kollox qalb tad-deheb.

Niftakar lil missieri jgħid li għalkemm in-nannu kien gej minn klassi soċjali għolja ħafna (fi żmien ta' faqar kbir) kien ħanin mal-pazjenti tiegħu u ħafna drabi mhux talli ma kienx iżommilhom flus iżda saħansitra kien anke jixtrilhom il-mediċini minn butu. Kien bniedem skrupluż u rett ħafna f'xogħolu ta' tabib.

In-nanna Mary xebba Borda kienet it-tifla unika ma' ħutha subien ta' Gian Patist Borda li kien gadraj jew kuntrattur tan-*Navy* Ingliża fl-aqwa tagħha. Dan tal-aħħar, jiġifieri l-bużnannu, kien wieħed mill-fundaturi ta' Circolo San Giuseppe Filarmonika Sagra Familja, u Dr. Alfred Fabri kien President tal-istess Soċjetà u kien laqa' lill-Arċisqof Mikiel Gonzi fi żjara li kien għamel.

Ta' min isemmi wkoll li n-nannu kien ħabib personali tal-Arċisqof Gonzi u dan baqa' jirrispetta lill-familja tagħna sa mewtu. Fi żmien il-gwerra Dr. Fabri kien involut f'kumitat apposta fejn kien ħa interess kif kien jaf hu tal-bżonnijiet tal-Kalkariżi.

Nixtieq nagħlaq li mid-dar fejn kien joqgħod, fix-xatt tal-Kalkara, mill-gallarija fuq il-kolonni, kienet tingħatha l-barka sagramentali lix-xatt fil-festa ta' *Corpus Christi*.

Huwa miet fit-12 ta' Diċembru 1945 u jinsab midfun fil-kappella tal-familja fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata.



Daily Malta Chro

**A century ago, Daily Malta Chronicle**
**Wednesday, September 30, 1908**

**Miscellany**

▪ The marriage between Lieut. W. D. O'Brien, the Conaught Randers, eldest son of the late Colonel Donatus O'Brien RE and Mrs O'Brien the Grange, Tilford, Farnham, and Ines, eldest daughter of Judge Dr A. Parnis and Mrs Parnis, was solemnised at St Dominic's Priority, Valletta. The very Rev Mgr W. Keatinge, senior RC chaplain to the Forces, officiated. After the nuptial ceremony a reception was held at No. 84 Sda Forni, Valletta, the residence of the bride's parents, which was largely and fashionably attended. The numerous and costly gifts were greatly admired. The newly-married couple left Malta on their honeymoon trip by the SS *Marco Polo.*

▪ The marriage between Dr Alfred Fabri and Miss Mary Borda, only daughter of Mr Baptist Borda, Naval Contractor, and Mrs Borda, was celebrated at St Joseph's parish church, Calcara. A reception followed at Villa Rinella, Calcara, which was largely attended.

▪ A number of boatmen were brought before the Magistrate in connection with the disturbances created on the occasion of the Regatta held in the Grand Harbour on September 8 and were variously sentenced in fines and imprisonment.

*Mill-gazzetta **Daily Malta Chronicle** tal-Erbgħa 30 ta' Settembru 1908: Iż-żwieġ bejn Dr. Alfred Fabri u s-Sinjorina Mary Borda, tifla waħdiena tas-Sur Patist Borda, Kuntratt Navali, u s-Sinjura Borda, ġie ċċelebrat fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġużepp tal-Kalkara. Wara sar riċeviment ġewwa Villa Rinella fil-Kalkara, li kellu attendenza kbira.*



*Ritratt tal-benestant Kalkariż Ġan Patist Borda. Dan ir-ritratt jinsab ġewwa s-sede tas-Soċjetà fl-inkwatru tal-fundaturi.*



*Ritratt ta' Dr. Alfred Fabri, tabib li għal bosta snin serva fil-Kalkara u kien meqjus bħala persuna importanti ħafna.*

